

Dispożittiv

Il-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' effettività ma jipprekludux leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest tat-tnaqqis tat-terminu ta' preskrizzjoni, minn naħa, tat-talbiet għar-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa indebitament u, min-naħa l-oħra, tat-talbiet għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-input imħallsa, tipprevedi perijodi tranżitorji differenti, b'tali mod li t-talbiet relatati maż-żewġ perijodi finanzjarji ta' tliet snin huma suġġetti għal termini ta' preskrizzjoni differenti, skont jekk ikollhomx bħala għan ir-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa indebitament jew it-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud tal-input imħallsa.

(¹) ĠU C 106, 21.3.2016

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-22 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság – l-Ungerija) – Unibet International Ltd. vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Központi Hivatala

(Kawża C-49/16) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà li jiġu provduti servizzi — Restrizzjonijiet — Kundizzjonijiet għall-ġhotti ta' liċenzja għall-organizzazzjoni ta' loġhob tal-ażżard online — Impossibbiltà Prattika tal-kisba ta' tali awtorizzazzjoni għall-operaturi privati stabbiliti fi Stati Membri oħra)

(2017/C 277/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Qorti tar-rinviju

Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Unibet International Ltd.

Konvenuta: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Központi Hivatala

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġislazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' loġhob tal-ażżard online, meta din ikun fiha regoli diskriminatorji fir-rigward tal-operaturi stabbiliti fi Stati Membri oħra jew meta din tipprevedi dispożizzjonijiet nondiskriminatorji, iżda li jiġu applikati b'mod mhux trasparenti jew implementati b'mod li jipprekludi jew li jagħmel iktar diffiċli l-kandidatura ta' ċerti offerenti stabbiliti fi Stati Membri oħra.
- 2) L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi sanzjonijiet, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, imposti minħabba l-ksur tal-leġislazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet u ta' awtorizzazzjonijiet għall-organizzazzjoni ta' loġhob tal-ażżard, fl-ipoteżi fejn tali leġislazzjoni nazzjonali tirriżulta li tkun kuntrarja għal dan l-artikolu.

(¹) ĠU C 136, 18.04.2016.